MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 330/2017 LM

**Joseph Caruana Curran (I.D. 31758M) f'ismu proprju u bħala president flimkien ma' Rita Azzopardi (I.D. 377267M) bħala segretarju ġenerali tal-Aquatic Sports Association (ASA)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Joseph Meli (I.D. 194857M)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Joseph Caruana Curran (I.D. 31758M) f'ismu proprju u bħala president flimkien ma' Rita Azzopardi (I.D. 377267M) bħala segretarju ġenerali tal-Aquatic Sports Association (ASA),** hawnhekk 'l-appellanti', minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tal-14 ta' Frar, 2022 li laqgħet it-tieni (*recte:* it-

tielet) eċċezzjoni tal-intimat u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti wara li sabet li l-kummenti lamentati *in parte* kienu jammontaw għal *fair comment.*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tat-talbiet tagħhom lill-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-kummenti li għadda l-intimat fuq *Facebook* fit-22 u t-23 ta' Ottubru, 2017, magħmula in segwitu għal jew b'rabta mal-finali tal-FINA World Men's Water Polo Development Trophy li ntlagħbet nhar il-Ħadd 22 ta' Ottubru, 2017 ġewwa l-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq, kien fihom allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet inveritieri, foloz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent, u / jew tal-Aquatic Sports Association, li għandhom bħala skop li joffendu l-unur, ir-reputazzjoni u l-fama tar-rikorrenti jew min minnhom, u li jesponuhom għar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku, u/jew li jħammġu r-reputazzjoni tagħhom. Ir-rikorrenti għamlu riferiment speċifiku għall-parti fejn intqal "*The President ... omissis ... did NOTHING to remedy the situation", "The present Council, or at least the President cannot deliver ... period!!!", "Did the ASA of Malta betray her Athletes ...?"* u "*Was the match sold by the ASA of Malta???"* Ir-rikorrenti talbu wkoll lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-intimat għall-ħlas lilhom jew min minnhom ta' somma fissa li ma teċċedix l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro (€11,646), bħala danni b'applikazzjoni tal-Att dwar l-Istampa.

3. L-intimat fir-risposta tiegħu wieġeb li r-rikorrenti għandhom jindikaw l-artikolu tal-liġi li huma qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuqu ai termini tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta. Fit-tieni lok, l-intimat eċċepixxa li salv li l-azzjoni

hija bbażata fuq l-artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, l-*Aquatic Sports Association* ma għandha l-ebda *locus standi* u dan stante li l-artikolu msemmi japplika biss għal persuni fiżiċi u mhux għal persuni legali. L-intimat eċċepixxa wkoll li ma hemm xejn inġurjuż jew malafamanti f'dak li nkiteb minnu stante li dan jammonta għal *fair comment,* dwar fatti ta' interess pubbliku u kritika li hija aċċettata f'soċjetà demokratika. L-intimat qal li għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

**Mertu**

4. Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent **Joseph Caruana Curran** qal li huwa l-President tal-Aquatic Sports Association, u li ilu f'din il-kariga mis-sena 2011. Qal li kien hemm kompetizzjoni organizzata mill-FINA li hi l-Assoċjazzjoni Akwatika Dinjija, li ġiet ospitata f'Malta, fejn kien hawn seba' pajjiżi qegħdin jipparteċipaw. Qal li din saret f'Ottubru tal-2017. Qal li waqt il-kompetizzjoni kien hemm diversi logħbiet, u fil-logħba finali li ntlagħbet bejn Malta u l-Iran, nqalgħu xi inċidenti bejn iż-żewġ settijiet ta' plejers, u l-logħba ġiet abbandunata. Ix-xhud qal li l-abbandun tal-logħba kienet deċiżjoni tar-*referee,* u fil-ħin li ttieħdet din id-deċiżjoni, Malta kienet qegħda tirbaħ, filwaqt li ngħata wkoll *penalty* favur Malta. Qal ukoll li fil-ħin li ttieħdet din id-deċiżjoni, il-logħba kien fadlilha inqas minn żewġ minuti, u għalhekk l-indikazzjonijiet kienu li Malta kienet ser tirbaħ din il-kompetizzjoni. Qal li l-plejers Iranjani ħebbew għall-Maltin fil-pixxina u d-diżgwid eskala anki barra l-pixxina, u kien hemmhekk li kemm ir-*referees* kif ukoll id-delegati tal-partita ddeċidew li jabbandunaw il-logħba. Qal li minħabba f'dak li ġara, ittieħdet deċiżjoni minn Kummissjoni ffurmata minn persuni barranin, li ż-żewġ timijiet jinqalgħu barra mill-

kompetizzjoni, u fil-fatt il-kompetizzjoni ntrebħet mill-pajjiż li kien fit-tielet post. Qal li r-*referees* għal kompetizzjonijiet bħal dawn jiġu appuntati mid-delegati, u l-federazzjoni wkoll tibgħat numru ta' delegati biex isegwu l-logħob u jikkontrollaw l-andament tal-kompetizzjoni kollha. Ix-xhud speċifika li l-kompetizzjoni ma ġietx organizzata mill-ASA, iżda mill-FINA, u għalhekk kellhom jiġu segwiti r-regoli tal-FINA. Qal ukoll li l-ASA ma kellha l-ebda involviment fl-għażla tar-*referees,* u ġie rakkomandat *referee* Malti li ġie aċċettat mill-FINA. Ix-xhud qal ukoll li l-ASA ma kellha l-ebda sehem fid-deċiżjoni li l-logħba finali tiġi abbandunata, u qal li ħadd mill-membri tal-ASA ma ntalab jixhed jew jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dak li ġara. Qal li l-membri tal-ASA ġew infurmati flimkien mal-membri tal-assoċjazzjoni Iranjana, li ż-żewġ pajjiżi kienu ġew sospiżi mill-kompetizzjoni, u li għalhekk ma kien hemm l-ebda ċans li xi ħadd minn dawn il-pajjiżi seta' jirbaħ il-finali. Ix-xhud qal li huwa ħassu mweġġa' bil-kummenti li kiteb l-intimat fuq il-mezzi soċjali għaliex il-membri tal-ASA kollha jaħdmu b'mod volontarju, u fil-każ tiegħu huwa jqatta' bejn għaxar sigħat u tnax-il siegħa kuljum jaħdem favur l-isport tal-waterpolo, biex l-intimat allega li "*he let the nation down".* Ix-xhud qal li l-kummenti li nkitbu ma kinux ġusti għaliex l-ASA ma setgħet tagħmel xejn wara li ġiet mgħarrfa bid-deċiżjoni li ttieħdet. Ix-xhud qal ukoll li huwa ħassu partikolarment imweġġa' meta l-intimat implika li b'xi mod il-logħba kienet mibjugħa jew li huwa naqas lil pajjiżu.

5. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li l-kompetizzjoni in kwistjoni kienet *development trophy* u mhux *world cup* tal-waterpolo. Qal li din ġiet organizzata ġewwa Malta, u l-ASA ħadet ħsieb l-arranġamenti lokali. Qal li din it-tip ta' kompetizzjoni ssir kull sentejn, u min jirbaħ din il-kompetizzjoni jkollu postu ggarantit fil-kampjonati dinjin li jsiru kull erba' snin. Ix-xhud qal ukoll

li Malta qatt ma rebħet din il-kompetizzjoni qabel, iżda f'din il-kompetizzjoni partikolari kien hemm ċans tajjeb li Malta tirbaħ. Ix-xhud ikkonferma li l-inċident li wassal għall-iskwalifika ta' Malta mill-kompetizzjoni nqala' mill-Iranjani, u kkonferma li l-għada ta' dan kollu l-ASA ħarġet stqarrija għall-istampa, fejn ġie ddikjarat li kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-iskwalifika ma tiġix ikkontestata. Qal li d-deċiżjoni li ma jittiħdux passi ulterjuri, ittieħdet għaliex waqt il-logħba tkeċċa wkoll il-kowċ nazzjonali, u ladarba kien għad hemm logħbiet importanti x'jintlagħbu, kien ġie deċiż li ma kellhiex tiġi antagonizzata l-FINA. Qal li tkeċċija kienet awtomatikament tfisser li l-kowċ kien ser jiġi sospiż. Qal ukoll li ma kien hemm l-ebda rimedju għall-iskwalifika ta' Malta mill-kompetizzjoni, għajr li forsi wieħed jieħu l-każ quddiem il-Court of Arbitration for Sport (CAS), fejn qal li jridu jitħallsu tariffi eżorbitanti biex wieħed iressaq il-każ tiegħu. Qal ukoll li l-istqarrija għall-istampa mill-ASA ħarġet wara li fuq il-mezzi soċjali dehru l-kummenti tal-intimat.

6. Sussegwentement ir-rikorrent **Joseph Caruana Curran** ippreżenta r-regolamenti li jirregolaw is-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq it-timijiet involuti f'inċidenti, u qal li ladarba din kienet logħba finali u ma kien hemm l-ebda logħob sussegwenti għaliha, ma kienx hemm ir-rimedju tal-kontestazzjoni tad-deċiżjoni. Qal ukoll li min-naħa tal-ASA kien hemm stennija għal deċiżjoni dwar jekk il-kowċ kienx ser jiġi sospiż, għaliex is-sospensjoni tal-kowċ f'dak il-mument setgħet taffettwa l-kwalifikazzjoni għall-kampjonati Ewropej li saru ftit wara. Ix-xhud speċifika li konsegwenza tad-deċiżjoni li ttieħdet, iż-żewġ timijiet ġew skwalifikati, ingħataw telfa ta' ħamsa b'xejn kull wieħed, u ġew ukoll sospiżi milli jipparteċipaw fl-istess kompetizzjoni għal sena.

7. Sussegwentement **Joseph Caruana Curran** xehed li huwa m'għandu l-ebda pożizzjoni fil-FINA, u li huwa membru tal-*bureau* tal-LEN (il-Federazzjoni Ewropea tal-Isports Akwatiku). Qal li l-inċident li nqala' waqt il-logħba finali u li wassal għall-proċeduri odjerni, kien riżultat ta' imġiba li mhijiex denja waqt l-isport, u l-inkwiet beda min-naħa tal-Iranjani. Qal li waqt partita, kull delegat ikollu d-dmir u d-dover li jintervjeni f'każ li jara xi ħaġa ħażina. Ix-xhud ikkonferma li waqt din il-partita Malta kienet qegħda tirbaħ, iżda meta r-*referee* ddeċieda li jwaqqaf il-logħba, sar kumitat tad-dixxiplina urġenti min-naħa tal-FINA, u ġie deċiż li l-logħba tiġi kkanċellata, u għalhekk ir-riżultat ma baqax validu. Qal ukoll li għahekk Malta ġiet sospiża mill-kompetizzjoni flimkien mal-Iran. Ix-xhud żied jgħid li d-deċiżjoni tal-FINA ma setgħetx tinbidel, lanqas li kieku saret xi oġġezzjoni minn xi naħa jew oħra, u huwa aċċetta l-konsegwenza tad-deċiżjoni li ttieħdet bħala persuna responsabbli. Qal ukoll li huwa ma kellux ħin ilaqqa' l-ASA għaliex il-laqgħa saret wara nofsinhar ftit wara li spiċċat il-logħba, u l-barranin li kien hawn preżenti f'Malta telqu dakinhar stess. Qal li huwa kien preżenti waqt is-smigħ, iżda mhux waqt li ttieħdet id-deċiżjoni. Ix-xhud żied jgħid li waqt il-logħba ġie sospiż il-kowċ tat-tim nazzjonali Malti, u din is-sospensjoni setgħet tfisser li dan jinżamm sospiż għal sitt xhur, u flimkien miegħu t-tim nazzjonali Malti kollu. Qal iżda li din is-sospensjoni ma kinitx ir-raġuni għalfejn ittieħdet id-deċiżjoni li ma jkunx hemm oġġezzjoni għad-deċiżjoni tal-FINA, iżda għaliex l-ASA hija tal-fehma li kull min jirrappreżentaha jaġixxi b'responsabbilità, u jġib ruħhu b'mod korrett.

8. **Rita Azzopardi**, xehdet quddiem l-Ewwel Qorti li d-diżgwid bejn il-plejers inqala' viċin iċ-*changing rooms,* u dak il-ħin waqfet il-logħba. Qalet li hi u l-President avviċinaw il-post fejn kien hemm dan id-diżgwid bil-ħsieb li jikkalmaw

l-affarijiet, u dak il-ħin resqu wkoll id-delegati tal-FINA u *referees,* li ddeċidew li jwaqqfu l-logħba. Ix-xhud qalet li d-diżgwid inqala' barra mill-ilma u għalhekk kien hemm il-ħsieb li l-logħba setgħet titkompla, iżda r-*referees* iddeċidew li jwaqqfu l-logħba. Qalet li kien il-kumitat tal-FINA li ddeċieda li t-timijiet kellhom jiġu skwalifikati u li l-logħba kellha titwaqqaf.

9. L-intimat **Joseph Meli**, fix-xhieda tiegħu qal li huwa ġurnalist sportiv u *photo reporter,* u meta huwa qal li l-logħba setgħet kienet "*sold*", ma kienx qiegħed jirreferi għal flus jew għal affarijiet simili. Qal li huwa għamel domanda għaliex kien hemm żewġ logħbiet importanti mal-Belarus li setgħu ġew influwenzati. L-intimat ippreżenta dokument fejn spjega għal liema raġuni huwa għadda l-kummenti li dehru fuq il-mezzi soċjali.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

10. L-Ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"45. ... Ibda biex, il-liġi stess ossia l-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:*
>
> "**Persuna" tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalità ġuridika distinta sew jekk le".**
>
> *Inoltre kull fejn dik il-qorti kkwotat każijiet lokali u esteri l-Qorti straħet fuq il-fatt illi ġaladarba l-Qrati f'dawk il-kawżi rreferew għall-emozzjonijiet u unur ta' individwi u persuni naturali allura b'analoġija dan ifisser illi korp ġuridiku ma jista' qatt jiġi malafamat. Din l-analoġija żbaljata però teskludi l-possibilità, rikonoxxuta kemm mill-Qrati nostrani u barra minn xtutna, illi korp ġuridiku ukoll għandu reputazzjoni illi tista' tixxellef u li hija protetta mil-liġi tal-malafama. Filfatt fil-kawżi kollha elenkati fis-sentenza msemmija (għajr għal sentenzi oħra mogħtija mill-istess Qorti kif presjeduta dakinhar preċedentement) mhuwiex il-każ illi l-Qrati eskludew illi kumpannija jew entità ġuridika tista' tiġi malafamata iżda sempliċement il-fattispecie*

*tad-diversi kawżi kienu jittrattaw bnedmin naturali. Li jfisser dan illi dawn il-kawżi ma jistgħux jinġiebu bħala eżempju għaliex is-silenzju tagħhom fuq din il-materja tagħmilhom assolutament irrilevanti għal din il-kwistjoni.*

*Anke fir-rigward ta' dak li ġie kkwotat li qal Gatley, il-Qorti fil-kawża msemmija kienet skorretta għaliex għalkemm huwa minnu li fil-bran ċitat dan l-awtur ċelebri Ingliż kien qed jirreferi għall-unur u reputazzjoni ta' bniedem, ċertament mhuwiex il-każ illi l-liġi Ingliża jew xi awtur Ingliż qatt innegaw id-dritt ta' entitajiet ġuridiċi illi jfittxu għal malafama. Filfatt Gatley nnifsu ddedika kapitli sħaħ fuq is-suġġett ta' "*corporate claimants" *fil-ktieb "*Gatley on Libel and Slander" *liema kunċett huwa stabbilit sew u assodat fil-liġi komuni Ingliża.*

*46. Hekk per eżempju l-awtur Ingliż William Blake Odgers qal hekk fil-ktieb "*A Digest of the Law of Libel and Slander: with the Evidence, Procedure, Practice and Precedents of Pleadings, both in Civil and Criminal Cases";

"a corporation may sue for any libel upon it, as distinct from a libel upon its individual members. It may also sue for a slander upon it in the way of its business or trade. If, however, the corporation be not engaged in any business, it would probably be necessary to prove special damage in any case of slander. A corporation could not sue in respect of an imputation of murder, or incest or adultery, because it could not commit those crimes. Nor could it sue in respect of a charge of corruption; for a corporation cannot be guilty of corruption, although the individuals composing it may be." *(Per Pollock, C.B., 4 H. & N. 90.) ...*

Corporations and companies may maintain actions for slander of their title; whether the slander be uttered by any of their own members or by a stranger: (Metropolitan Omnibus co. v. Hawkins, 4 H. & N. 87; 28 L.J. Ex. 201; 5 Jur. N.S. 226; 7 W.R. 265; 32 L. T. (Old S.) 281; Trenton Insurance Co v. Perrine, 3 Zab. (New Jersey), 402.)" *(fn. 18 – Odgers, W.B. A Digest of the Law of Libel and Slander: with the Evidence, Procedure, Practice and Precedents of Pleadings, both in Civil and Criminal Cases. 1881, p. 367).*

*47. Fis-sentenza fl-ismijiet: **FAL Malta Limited v. Henry J. Borg** (Avv. Nru. 204/2007 CSH, 07/07/2009) din il-Qorti qalet hekk:*

"Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Hon. Mabel Strickland vs J.J. Scorey fis-sbatax (17) t'Ottubru, 1949 – Vol. XXX.111.1v. 941 ingħad illi:

"Bodies of persons having a corporate personality may sue in respect of any injury caused by a defamation to their corporate or collective reputation: and the individuals composing any such body or persons may jointly maintain such an action. Moreover if the defamation causes an injury to the individuals concerned as natural

persons apart from and independently of their corporate or collective interest then they are entitled to sue also personally whether in the same or in a separate action".

Fis-sentenza Thomas W Hedley pro et noe vs Emanuel C. Tabone MLA et deċiża nhar it-tletin (30) ta' Mejju, 1953, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat illi:

"Korp morali jista' jagħmel kawża ta' libell għal offiżi fir-reputazzjoni tiegħu, sintendi li l-korp morali ma jistax ex natura rerum jaġixxi għal ċerti imputazzjonijiet li jista' jaġixxi għalihom individwu."

Fis-sentenza Victor Denaro noe vs Avukat Dottor Anton Buttigieg noe deċiża nhar it-tletin (30) ta' Mejju, 1963 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nstabet ħtija meta ġie ritenut illi:

"... kif ingħad 'il fuq l-artikolu in kwistjoni huwa libelluż għaliex jilledi l-unur u l-fama tad-ditta attriċi u jesponiha għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku."

**Illi għalhekk jingħad li d-dispost tal-Kap. 248 u sia l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ġurisprudenzjali huma tali, li effettivament jirrikonoxxu l-fatt illi entità morali tista' tkun offiża fl-unur, ir-reputazzjoni u l-fama tagħha u tiġi konsegwentement esposta għar-redikolu u għad-disprezz pubbliku. Dan il-fatt imbagħad jagħti dritt t'azzjoni lil tali entità, liema dritt huwa separat u distint minn kull dritt li jista' separatament jappartjeni lil membri singoli tal-istess entità."**

*48. Ir-reputazzjoni ta' korp ġuridiku għad li hija differenti minn reputazzjoni ta' individwu xorta waħda teżisti u timmerita protezzjoni mil-liġi. Din hija kwistjoni distinta mill-inġurja ta' isem u malafama ta' negozju li l-liġi tipproteġi taħt l-Artikolu 29 tal-Kap. 248 (u llum il-ġurnata taħt l-Artikolu 16 tal-Kap. 579) illi tittratta biss dikjarazzjonijiet qarrieqa li x'aktarx jagħmlu ħsara lin-negozju u li jsiru minn persuna li tkun taf li huma foloz jew li bid-diliġenza xierqa setgħet tkun taf.*

*49. Skont il-professur tal-liġi Amerikan, Robert Charles Post, il-protezzjoni tar-reputazzjoni ta' individwu hija r-*raison d'être *tal-liġi tal-malafama. Post jiddeskrivi tliet elementi tar-reputazzjoni jew aħjar interessi li għandhom jiġu mħarsa fir-reputazzjoni ta' persuna, ċioe l-proprjetà, l-unur u d-dinjità. Fi kliemu, ir-reputazzjoni hija fenomenu soċjali illi tinbena mill-interazzjoni ta' bejn il-bnedmin u l-interessi li għandhom jiġu imħarsa huma tali li jaffettwaw jew jiġu affettwati minn din l-interazzjoni." (fn. 19 Robert C Post "*The Social Foundations of Defamation Law; Reputation and the Constitution (1986)".

*50. L-interessi li għandhom jiġu protetti fir-reputazzjoni ta' individwu huma naturalment differenti minn dawk ta' korp ġuridiku. L-iżjed interess ovvju li kumpannija għandha biex tipproteġi r-reputazzjoni tagħha huwa l-interess*

***finanzjarju*** *tagħha. Kwalunkwe kumpannija tista' tiggwadanja benefiċċji finanzjarji kbar minn reputazzjoni tajba u huwa loġiku li jekk din ir-reputazzjoni tiġi mtappna l-istess kumpannija tista' ssofri danni konsiderevoli. Fis-sentenza Ingliża,* ***Metropolitan Saloon Omnibus Co Ltd v Hawkins (Court of Exchequer, 2 Dec, 1858)*** *ingħad illi:*

"It is clear that a corporation at common law may maintain an action for libel by which its property is injured ... it would be very odd if a corporation had no means of protecting itself against wrong; and if its property is injured by slander it has no means of redress except by action."

*Id-dritt li kumpannija tipproteġi l-interessi tagħha huwa wkoll rikonoxxut mingħajr il-ħtieġa li jiġu ppruvati danni. Hekk pereżempju fis-sentenza* ***South Hetton Coal Co. Ltd. v. North-Eastern News Association Ltd*** *(1894, Court of Appeal) intqal hekk mill-Qorti tal-Appell Ingliża:*

"Then, if the case be one of libel – whether on a person, a firm, or a company – the law is that damages are at large. It is not necessary to prove any particular damage: the jury may give such damages as they think fit, having regard to the conduct of the parties respectively, and all the circumstances of the case ... a trading corporation's property or its business may be injured by defamatory statements against its trading character".

*Fis-sentenza iżjed riċenti* ***Jameel v Wall Street Journal Europe SPRL*** *(2006, House of Lords) intqal hekk minn Lord Scott:*

"the reputation of a corporate body is capable of being, and will usually be, not simply something in which its directors and shareholders may take pride, but an asset of positive value to it. Why else do trading companies pay very substantial sums of money in advertising their names in TV commercials which usually say next to nothing of value about the services or products on offer from the company in question but endeavour to present an image of the company that is attractive and likely to cement the name of the corporation in the public memory? Why do commercial companies sponsor sporting competitions, so that one has the XLtd Grand National or the YLtd Open Golf Championship or the ZLtd Premiership? It is surely because reputation matters to trading companies and because these sponsorship activities, associating the name of the company with popular sporting events, are believed to enhance the sponsor's reputation to its commercial advantage. The organisers of a variety of activities some sporting, some cultural, some charitable, are constantly on the look-out for sponsorship of an activity in question by some commercial company. The choice of sponsor and the reputation of the sponsor matter to these organisers. Who would these days choose a cigarette manufacturing company to sponsor an athletic

event or a concert in aid of charity? If reputation suffers, sponsorship invitations may be reduced, advertising opportunities may become difficult, customers may take their custom elsewhere. If trade suffers, profits suffer."

*51. Fir-rigward tal-interess finanzjarju ta' kumpanniji, Lord Reid kien qal hekk fis-sentenza* ***Lewis v. Daily Telegraph Ltd (1964, AC)***

"A company cannot be injured in its feelings, it can only be injured in its pocket. Its reputation can be injured by a libel but that injury must sound in money."

*52. Il-liġi l-ġdida taħt il-Kap. 579 tirrikonoxxi dan il-kunċett u żżid l-element ta' "telf finanzjarju serju" meta fil-proviso għall-Artikolu 3(4) tipprovdi kif ġej:*

"**3(4) Stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba:**

**Iżda, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ħsara lir-reputazzjoni ta' korp li jopera għal profitt mhijiex ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju."**

*53. Madanakollu pożizzjoni bħal din ma tapplikax għal dawk il-korpi ġuridiċi illi ma jkunux ġew imwaqqfa għal skopijiet ta' profitt bħal organizzazzjonijiet filantropiċi, karitattivi jew soċjali. Fil-każ de quo l-Aquatic Sports Association mhijiex entità mwaqqfa għal skopijiet ta' profitt jew negozju iżda b'daqshekk ma jfissirx illi m'għandhiex x'titlef jekk ir-reputazzjoni tagħha tiġi mtappna. Bħal kumpanniji mwaqqfa għan-negozju, organizzazzjoni volontarja tista' ssofri danni kbar jekk tkun tiddependi fuq is-sapport finanzjarju tal-pubbliku u d-daqqa għar-reputazzjoni tagħha ċċaħħadha minn din l-għajnuna. Però 'l hinn minn riperkussjonijiet finanzjarji, organizzazzjoni volontarja tista' wkoll issofri fil-missjoni tagħha li tilħaq l-għanijiet filantropiċi, karitattivi jew soċjali tagħha jekk f'għajnejn il-pubbliku hija ma tkunx baqgħet denja li twassal il-messaġġ tagħha jew altrimenti tkun tilfet mir-reputazzjoni jew fama tagħha.*

*54. Għalhekk mhux il-każ illi l-Assoċjazzjoni rikorrenti m'għandhiex* locus standi *f'din il-kawża u din it-tieni eċċezzjoni ukoll qed tiġi miċħuda.*

***Kunsiderazzjonijiet dwar id-difiża tal-*****fair comment**

*55. It-tielet eċċezzjoni tal-intimat hija dik illi: "*ma hemm xejn inġurjuż jew malafamanti f'dak li inkiteb ... stante illi dan jammonta għal 'fair comment' dwar fatti ta' interess pubbliku u kritika li hija aċċettata f'soċjetà demokratika."

*56. Fis-sentenza* ***London Artists Ltd. v. Emile Littler*** *(England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) il-mibki Lord Denning qal hekk:*

"The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby (1951) 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn – as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot (1952) A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board (1929) 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery (1959) N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd v. Odhams Press Ltd (1965) 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be."

*57. Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:*

"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair" in the ordinary sense of that word". *(fn. 20 Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., paġna 336)*

*58. Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment *skont Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna (fn. 21 Ara pereżempju* ***Dr Louis Galea***

***vs Etienne St John u Felix Agius*** *(Rif. Nru. 946/1997 JRM deċiża fit-30 ta' April, 2015) huma s-segwenti:*

1. *Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;*
2. *Il-fatti msemmija jridu jkunu sostanzjalment veri;*
3. *Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew diżonesti irid jinwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;*
4. *Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u*
5. *Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*
6. *Il-kummenti jridu jkunu msejsa fuq materja ta' interess pubbliku, suġġett illi jkun ġie espost lill-pubbliku għall-ġudizzju tiegħu jew inkella kwistjoni illi tkun ta'* "legitimate concern" *għall-pubbliku.*

*59. Il-Qorti tqis illi l-kuntest li fih ġew ippubblikati l-kummenti tal-intimati huwa "*a matter of public interest" *stante illi kienu jikkonċernaw logħba tal-waterpolo f'kompetizzjoni internazzjonali li fiha kien qed jipparteċipa t-tim nazzjonali Malti. Madanakollu dan waħdu mhux biżżejjed biex jiġġustifika d-difiża tal-*fair comment *jekk joħroġ li l-allegazzjonijiet li għamel l-intimat "*that which goes to the pith and substance of the matter" *kienu skorretti.*

*60. Il-punt prinċipali li jgħaqqad il-kummenti tista' tgħid kollha tal-intimat huwa dak illi fil-fehma tiegħu l-assoċjazzjoni m'għamlet xejn sabiex tiddefendi lit-tim nazzjonali Malti mid-deċiżjoni* "inġusta" *li imponiet il-FINA u li din kellha teżerċita r-rimedji kollha disponibbli għaliha sabiex tisfida l-istess deċiżjoni, inkluż billi tisħaq fuq id-dritt għal smigħ ġust. Fil-fehma tiegħu l-kunsill kollu tal-assoċjazzjoni kellu jirriżenja stante l-inkompetenza tal-membri inkluż tar-rikorrent li ssemma b'ismu għal numru ta' drabi.*

*61. Mill-kummenti kollha lamentati mir-rikorrenti l-Qorti tara illi l-biċċa l-kbira minnhom għad li jikkonsistu fi kritika ħarxa u xi kultant anke vulgari tal-operat tal-assoċjazzjoni rikorrenti u/jew tar-rikorrent, madanakollu ma jistgħu bl-ebda mod jikkwalifikaw bħala malafamanti anke jekk jirriżulta illi huma bbażati fuq fatti skorretti.*

*62. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet:* **Lawrence Pullicino v. Victor Camilleri et** *(App. Ċiv. Nru. 992/1997/1 – 28.03.2014):*

*"...* din il-Qorti tara li għandha tibda biex tafferma li mhux kull allegazzjoni ta' fatt, li jirriżulta li mhux veru, għandu jitqies li hu malafamanti. Il-malafama timmanifesta ruħha meta ssir ħsara għar-reputazzjoni ta' dak li jkun; jista' jkun li dak li jkun

ippubblikat ma jkunx "fair", iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-pubblikazzjoni tkun inġurjuża għad-dinjità ta' dik il-persuna ... L-enfasi hija fuq il-ħtieġa li l-allegazzjonijiet ikunu malafamanti, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-persuna milquta u l-fama tiegħu."

*63. Issa l-Qorti jirriżultalha illi tabilħaqq skont kif intqal mir-rikorrenti fix-xhieda tagħhom, il-FINA Ed. 2017 Rules mhux biss kienu jistipulaw illi f'każ ta' tkeċċija mill-pixxina ta' iżjed minn tliet membri tal-istess tim dak it-tim jiġi awtomatikament skwalifikat u jitlef il-logħba 5-0 (Artikolu 6.1) iżda inoltre ma kinux jagħtu d-dritt lil xi assoċjazzjoni nazzjonali li tappella minn xi deċiżjoni ta' skwalifika u jekk xejn kienu l-individwi konċernati li setgħu jappellaw separatament kontra t-tkeċċija tagħhom.*

*64. Lill-Qorti jirriżultalha ukoll però mill-FINA Handbook li ġie esebit* animo ritirandi *mir-rikorrenti illi kien hemm General Rules illi kienu jagħtu l-opportunità lill-assoċjazzjoni li tal-inqas titlob rimedju mid-deċiżjoni tar-referee illi jwaqqaf il-logħba u/jew ikeċċi xi players Maltin u possibilment anke mid-deċiżjoni tal-FINA li tiskwalifika lit-tim Malti mill-kompetizzjoni u dan billi jsir protest u jekk ikun hemm bżonn appell lill-*"Jury of Appeal":

"GR 9.2 Protests

GR 9.2.1 Protests are possible

(a) if the rules and regulations for the conduct of the competition are not observed,
(b) if other conditions endanger the competitions and/or competitors, or
(c) against decisions of the referee; however, no protest shall be allowed against decisions of fact.

GR 9.2.2 Protest must be submitted

(a) to the referee,
(b) in writing on FINA forms,
(c) by the responsible team leader;
(d) together with a deposit of 500 Swiss Francs or its equivalent, and
(e) within 30 minutes following the conclusion of the respective event or match.

If conditions causing a potential protest are noted prior to the event a protest must be lodged before the signal to start is given.

GR 9.2.3 All protests shall be considered by the referee. If he rejects the protest, he must state the reasons for his decision. The team leader may appeal the rejection to the Jury of appeal whose decision shall be final ...".

*65. Ir-rikorrenti jisħqu f'partijiet differenti fix-xhieda tagħhom illi:*

a. *Dritt ta' appell ma kienx hemm,*
b. *Dritt ta' appell kien hemm imma ma kienx vijabbli li wieħed imur għalih stante illi ma kienx hemm ċans li jintlaqa' l-appell,*
ċ. *Ma kienx jagħmel sens li wieħed jappella stante illi kien hemm il-biżgħa illi jekk isir dan il-FINA tadotta linja ħarxa kontra l-kowċ nazzjonali Malti li kien tkeċċa waqt il-logħba, li possibilment seta' jingħata sospensjoni twila b'impatt konsiderevoli fuq il-logħob futur tat-tim Malti f'kompetizzjonijiet oħra importanti,*
d. *L-appell ma kellux isir għaliex it-tim Malti żbalja u kellu juri li qed jerfa' r-responsabbilità għall-azzjonijiet tiegħu u b'hekk jagħti eżempju,*
e. *Rikors għall-CAS (Qorti għall-Arbtiraġġ tal-Isport) ma kienx vijabbli stante illi kien jinvolvi spejjeż kbar.*

*66. Il-Qorti tara illi l-assoċjazzjoni rikorrenti setgħet kienet ferm iżjed proattiva u trasparenti billi immedjatament (u mhux l-għada) tinforma lill-pubbliku sportiv Malti dwar it-toroq miftuħa fir-rigward tar-rimedji li setgħu jittieħdu mit-tim Malti. L-istqarrija li ħarġet fit-23 ta' Ottubru, 2017 kienet xotta ferm f'dan ir-rigward u ma kinitx tagħti l-ebda ħjiel dwar għalfejn l-Assoċjazzjoni kienet għażlet illi ma tikkuntestax l-iskwalifika tat-tim Malti. In-nuqqas tagħha li tagħmel dan flimkien man-nuqqas li tispjega b'mod ċar il-pożizzjoni tagħha esponiha għal kritika li ma tistax titqies li kienet inġusta meta wieħed jikkunsidra illi t-tim nazzjonali kien ftit sekondi biss milli jagħmel rebħa prestiġjuża f'kompetizzjoni internazzjonali.*

*67. Il-fatt illi l-Assoċjazzjoni topera fuq bażi volontarja u l-fatt illi r-rikorrent jaħdem ukoll mingħajr rimunerazzjoni, ma tagħmilhomx immuni għall-kritika, anke inġusta, dwar l-operat tagħhom.*

*68. Għall-Qorti, il-biċċa l-kbira tal-kummenti tal-intimat jikkonsistu fi kritika ġusta (anke jekk f'xi waqt, vulgari) tal-operat tal-assoċjazzjoni rikorrenti u/jew tar-rikorrent u mhumiex malafamanti.*

*69. Fir-rigward tal-kumment a fol. 12 bil-kliem "*Was the match SOLD by the ASA of Malta?" *il-Qorti tqis kemm mill-kuntest tal-bqija tal-kummenti li saru mill-intimat dakinhar u kemm minn dak li effettivament seħħ waqt u wara l-logħba illi l-intimat ma kienx qiegħed jallega fattwalment illi l-assoċjazzjoni nxtrat sabiex titlef il-logħba. Jekk wieħed jifli dak il-kumment/mistoqsija jara illi dan ġie segwit immedjatament minn numru ta' mistoqsijiet oħra mill-intimat li lkoll kemm huma ma jistgħux jitqiesu rappreżentazzjoni ta' fatti iżda semmai, stedina għal spjegazzjoni. Dan ifisser li l-istess kummenti ma jagħmlux fatt dak li qed jistaqsu dwaru. Huwa vera illi jistgħu jsiru mistoqsijiet li minnhom infushom ikunu "*loaded*" jew "*indikattivi*" tat-tweġibiet infushom. Però sakemm il-mistoqsijiet ma jkunux jinkludu fihom infushom*

*asserzjonijiet ta' fatt dawn m'għandhomx jitqiesu bħala malafamanti anke jekk ikunu imbarazzanti jew xejn pjaċevoli lil min jikkonċernaw.*

*70. Il-Qorti tqis illi kemm l-Assoċjazzjoni rikorrenti u kif ukoll ir-rikorrent innifsu kellhom rimedju sufficjenti f'każ illi ħassew li l-imġiba jew l-intenzjonijiet tagħhom ġew impoġġija fid-dubju u dan huwa d-dritt tar-risposta pprovdut mill-Artikolu 21 tal-Kap. 248. Tali dritt seta' jiġi eżerċitat fil-forma ta' dikjarazzjoni mir-rikorrenti bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni, maħruġa mill-intimat innifsu fuq is-sit tiegħu ta' Facebook. Mill-provi ħareġ illi r-rikorrenti ma eżerċitawx dan id-dritt u minflok għażlu li jiftħu dawn il-proċeduri f'temp ta' ftit ġimgħat.*

*71. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tara għalhekk illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi akkolta.*

***Deċiżjoni***

***72. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-tieni*** [recte: it-tielet] ***eċċezzjoni tal-intimat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti billi l-kummenti lamentati in parte ma jistgħux jitqiesu malafamanti u jammontaw għal*** **fair comment*****. Fir-rigward ta' spejjeż kull parti għandha tbati tagħha.***

## <u>L-Appell</u>

11. Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati b'din is-sentenza u ppreżentaw appell minnha fit-8 ta' Marzu, 2022, fejn talbu lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-14 ta' Frar, 2022 fl-ismijiet premessi, u tilqa' t-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-appellat.

12. L-appellanti qalu li huma ħassewhom aggravati għaliex l-Ewwel Qorti ma ħaditx konsiderazzjoni tal-kummenti kollha li ġew ippubblikati, u naqset milli tapprezza l-effett li kellhom uħud mill-kummenti fil-kuntest tal-kummenti l-oħra tal-appellat, u dan fl-isfond tal-inċident li seħħ. Qalu li kieku dan kollu kellu jittieħed in konsiderazzjoni, wieħed isib li dawn il-kummenti ma jammontawx għal *fair comment,* iżda huma allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' etika u aġir kriminali li huma totalment infondati, u li jħammġu r-reputazzjoni tal-appellanti, u

għalhekk huma malafamanti. It-tieni aggravju tal-appellanti huwa li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellanti ma eżerċitawx id-dritt tar-risposta meta eżaminat id-difiża tal-*fair comment.*

13. L-appellanti qalu li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-kummenti li saru mill-appellat jammontaw għal *fair comment* għaliex uħud minnhom inkitbu fil-forma ta' mistoqsijiet, u qalet li b'dawn il-kummenti l-appellat ma kienx qiegħed jallega fatti iżda kien qiegħed jitlob spjegazzjoni dwar x'ġara. L-appellanti qalu li l-Qrati tagħna jagħmlu distinzjoni bejn '*fair comment*' u '*statement of fact',* u għamlu riferiment għal sentenzi fejn ingħad li biex tirnexxi d-difiża tal-*fair comment,* il-kliem li jintqalu jridu jkunu jammontaw għal kumment u mhux għal stat ta' fatt. L-appellanti qalu li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-kummenti kollha tal-appellat, partikolarment fejn dan qal li "*Maltese Water Polo and Her Athletes were DEFRAUDED"* u "*The WHOLE COUNCIL has to RESIGN ... EN BLOCK".* Qalu li b'dawn il-kummenti, l-appellat la kien qiegħed jistaqsi mistoqsijiet u lanqas ma kien qiegħed jistieden lill-appellati jikkjarifikaw u jispjegaw il-fatti. Għall-kuntrarju, saħqu l-appellanti, bl-ewwel kumment l-appellat kien qiegħed jallega li huma frodisti, u bit-tieni kumment huwa kompla jimplika dan. L-appellanti qalu li għalhekk, dawn il-kummenti ma jistgħux jitqiesu taħt l-ambitu ta' '*fair comment'* għaliex huma foloz. Qalu wkoll li bil-kumment "*The PRESENT ASA of Malta NEEDS and I am DEMANDING SO to RESIGN EN BLOCK so that a NEW Council is elected ASAP to settle the issue OUTRIGHT and GETS what is OWED to Malta in FULL. The present Council or at least the President CANNOT DELIVER ... PERIOD!!!",* l-appellat qiegħed jipponta subgħajh direttament lejn ir-rikorrent Caruana Curran, li huwa l-President tal-Assoċjazzjoni. Qalu li tenut kont tal-kliem li ntqal, is-sekwenza tal-kummenti, u

lejn min kienet diretta l-kritika, wieħed bilfors jifhem li l-ASA u/jew il-President tagħha, qegħdin jiġu implikati f'korruzzjoni, konsistenti fil-bejgħ ta' logħba internazzjonali, jiġifieri f'reat kriminali li l-appellat stess jiddeskrivi bħala frodi.

14. L-appellanti għamlu riferiment ukoll għad-domanda li saret dwar il-possibilità li l-logħba setgħet inbiegħet, u qalu li dan il-kumment irid jinqara fil-kuntest tal-kummenti l-oħra li saru, għaliex dan huwa kumment ieħor li lilhom jimplikahom f'korruzzjoni. L-appellanti qalu li filwaqt li l-Ewwel Qorti tiċċita lil Gatley u s-sitt punti li jsemmi dwar id-difiża tal-*fair comment,* foshom il-ħtieġa ta' ġustifikazzjoni fejn wieħed jimplika motivi korrotti jew diżonesti, fil-każ in eżami l-appellat għamel implikazzjonijiet fil-konfront tal-appellanti, fejn allega diżonestà u korruzzjoni da parti tal-ASA u l-President tagħha. Qalu li skont il-Gatley, dawn l-imputazzjonijiet huma aċċettabbli biss fejn ġustifikabbli jew mistħoqq, u l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq. Qalu li dawn kienu kummenti mmotivati minn suppożizzjonijiet malizzjużi li ma ġewx sostanzjati u li jimputaw aġir żleali u kriminali immirat lejn l-appellanti. Qalu li ladarba l-appellat naqas milli jiġġustifika l-kummenti tiegħu bħala *fair comment,* abbażi tad-difiża li qajjem, dan ifisser li dawn il-kummenti ma kinux jikkostitwixxu *fair comment* u li tali difiża ma treġġix. Qalu li dawn il-kummenti li jammontaw għal *statement of fact* u lanqas ma jikkostitwixxu *fair comment,* għaliex huma kummenti infondati u irresponsabbli. L-appellanti sostnew ukoll li l-kummenti tal-appellat jammontaw mhux biss għal kritika, żebliħ, tgħajjir u insolenza, iżda wkoll għal theddid.

15. B'riferiment għat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti qalu li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidra jekk huma eżerċitawx id-dritt tar-risposta kif jipprovdi l-artikolu 21 tal-Kap. 248, u lanqas ma messha implikat xi nuqqas da parti tal-appellanti jew tassumi li hemm *fair comment* għaliex ma ntalbitx replika, kif fil-fatt sar. Qalu li d-dritt għal risposta huwa dritt li huwa prerogattiva assoluta ta' min jagħżel li jeżerċitah jew le, u għalhekk ħadd m'għandu jiġi ttimbrat jew ikkastigat jekk jagħżel li ma jeżerċitax dritt li tagħti l-liġi. Qalu wkoll li l-fatt li huma għażlu li ma jeżerċitawx dan id-dritt, m'għandux inaqqas mir-responsabbilità tal-appellat għal dak li ntqal minnu, għaliex il-kummenti tiegħu jibqgħu diffamatorji, u l-appellat m'għandux jiġi eżonerat mir-responsabbilità għaliex l-appellanti ma għamlux replika. Qalu wkoll li l-eżerċizzju ta' dan id-dritt għandu rilevanza biss fejn jidħlu danni, iżda mhux biex jiġi stabbilit jekk il-kummenti jammontawx għal *fair comment.*

16. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-appell imressaq mill-appellanti, u dan fid-dawl ta' dak li ġie kkunsidrat u deċiż fis-sentenza appellata li l-kummenti li kiteb l-appellat jammontaw għal *fair comment,* u li għalhekk mhumiex libellużi u malafamanti fil-konfront tagħhom.

*L-ewwel aggravju:* *[l-Ewwel Qorti naqset milli tqis il-kummenti kollha li ġew ippubblikati, u naqset milli tapprezza l-effett li kellhom uħud minn dawn il-kummenti]*

18. L-appellanti spjegaw li huma ħassewhom aggravati għaliex l-Ewwel Qorti naqset milli tqis il-kummenti kollha li ġew ippubblikati mill-appellat, kif ukoll naqset milli tqis l-effett li uħud minn dawn il-kummenti kellhom fuqhom. Qalu li l-appellat m'għamel l-ebda *fair comment* f'uħud mill-kummenti li għadda, iżda imputa allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' etika u aġir kriminali da parti tagħhom. Qalu li uħud mill-kummenti ma sarux fil-forma ta' domandi, iżda huma espressjoni tal-ħsieb tal-appellat li r-rikorrenti huma frodisti, u saħansitra akkużahom b'korruzzjoni jew frodi, partikolarment meta dan allega li l-logħba kienet mibjugħa. Qalu li dawn mhumiex kummenti ġustifikabbli jew mistħoqqa, iżda huma kummenti irresponsabbli u infondati indirizzati lejhom, partikolarment lejn Joseph Caruana Curran fil-kapaċità tiegħu ta' President tal-Assoċjazzjoni.

19. Il-Qorti tqis li fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, ġew iċċitati diversi awturi u anki ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li jagħtu definizzjoni ta' x'inhu dak li jammonta għal *fair comment.* Fost l-oħrajn, l-Ewwel Qorti qalet li kumment dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew ġustifikati jrid ikun ġustifikabbli jew mistħoqq, u li l-kumment li jingħad irid ikun jammonta għal kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza, u li l-kumment irid ikun sar mingħajr ħażen jew ħsieb li jweġġa'. Huwa proprju hawnhekk fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fejn qalet li l-kummenti li saru mill-appellat ma kinux maħsuba biex iżebilħu u jinsulentaw lill-appellanti, partikolarment dawk li ġew identifikati b'isimhom jew bil-kariga li jokkupaw. L-appellat fil-kummenti tiegħu saħansitra qal li l-President tal-Assoċjazzjoni appellanta, jiġifieri Joe Caruana Curran, għandu jirriżenja u li dan mhux denju tal-kariga li jokkupa. Imputazzjoni oħra li saret kienet dik li l-logħba kienet 'mibjugħa', bl-implikazzjonijiet kollha li

kumment bħal dan iġib miegħu. Il-Qorti tifhem il-kuntest li fih intqalu ċerti kummenti, partikolarment wara li l-appellat spjega kemm għandu għal qalbu l-isport tal-waterpolo u kemm huwa appassjonat għal-logħba. Dan ma jfissirx li kien ġustifikat jgħaddi l-kummenti li għadda minħabba diżappunt għall-fatt li l-Assoċjazzjoni naqset milli tappella jew b'xi mod tipprotesta għad-deċiżjoni li ttieħdet li Malta u pajjiż ieħor jiġu skwalifikati mill-kompetizzjoni, u b'hekk il-pajjiż li ġie fit-tielet post spiċċa rebaħ il-kampjonat. Huwa minnu li jista' jkun li l-appellat għadda ċerti kummenti bħala *knee jerk reaction* għad-diżappunt li kull min għandu dan l-isport għal qalbu ħass wara dak li seħħ fit-22 ta' Ottubru, 2017, iżda dan xorta waħda ma jiġġustifikax uħud mill-kummenti li saru mill-appellat fuq il-mezzi soċjali. L-appellanti huma persuni magħrufa sew fiċ-ċrieki sportivi u soċjali f'Malta, u l-implikazzjoni li huma setgħu kienu involuti *f'match fixing* jew f'xi arranġament li m'hemmx loku fl-isport, hija waħda diżonesta u maħsuba biss biex ittappan ir-reputazzjoni ta' dawn l-istess persuni. Il-frażi "*The President cannot deliver",* hija espressjoni tal-fehma tal-appellat, u la tista' titqies li hija dikjarazzjoni ta' fatt, u lanqas ma tista' titqies li tammonta għal *fair comment.* Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Carmel sive Charles Spiteri *vs.* Daphne Caruana Galizia**[1], tal-20 ta' Novembru, 2009, fejn ingħad:

> *"Jibda biex jingħad illi meta l-kliem użati huma per se derogatorji u inġurjużi l-intenzjoni illi ssir ħsara* (animus iniuriandi) *kienet preżunta (Ara* ***Profs. J. Rizzo Naudi vs F. Agius Mizzi et****, deċiża fit-13.05.1997). L-awtur Gatley, 'On Libel and Slander', jgħid fost affarijiet oħra: "... the question was not what the defendant intended but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published would understand to be the meaning. Liability for libel does not depend on the intention of the defamer but on the fact of the defamation. The question is not*

[1] 20.11.2009.

*whether the writer of an alleged libel means but what is the meaning of the words he has used. It is not the defendant's intention or the meaning in his own mind that makes the sense of the libel, but what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it."*

20. Il-Qorti tqis li f'mument ta' diżappunt għall-persuni involuti fl-isport tal-waterpolo, ġurnalist fil-qasam tal-waterpolo kellu jkun aktar attent fil-lingwaġġ li juża, għaliex dak li ngħad minnu seta' faċilment jiġi interpretat bħala akkuża ta' għemil frawdolenti jew ta' korruzzjoni da parti tal-ASA u tad-diriġenti tagħha. Il-kummenti tal-appellat li l-President tal-ASA mhux kompetenti u li dan għandu jwarrab, huma kummenti li ma jammontawx għal kritika ġusta, iżda għal żebliħ f'għajnejn il-pubbliku. Il-Qorti hawnhekk tqis ukoll l-ammont ta' messaġġi li ttellgħu b'mod assidwu mill-appellat, u l-insistenza tiegħu li kienet l-ASA u d-diriġenti tagħha li b'xi mod naqsu u li wasslu biex Malta tiġi skwalifikata mill-kompetizzjoni. Imkien ma ssemma l-aġir xejn denju ta' uħud mill-plejers u ta' persuni oħra li kienu involuti fil-logħba u li xehed dwarhom Joe Caruana Curran, u li lkoll ikkontribwixxew għad-deċiżjoni li ttieħdet mill-ASA li ma jsir l-ebda protest u l-ebda appell mid-deċiżjoni li ttieħdet mill-FINA. L-appellat, bil-kummenti tiegħu, attribwixxa l-konsegwenzi li seħħew biss lill-appellanti, minflok ma kkummenta b'mod oġġettiv fuq dak li wassal għad-deċiżjoni li Malta tiġi skwalifikat mill-kompetizzjoni. Uħud mill-kummenti imbagħad, marru oltre minn kritika ħarxa tan-nuqqasijiet tal-ASA, iżda wasslu biex saret ħsara lir-reputazzjoni tal-persuni involuti fit-tmexxija ta' din l-assoċjazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-fehma espressa mill-appellat tammonta għal *fair comment,* u għalhekk qegħda tilqa' l-ewwel aggravju.

*It-tieni aggravju:* *[id-dritt tar-risposta]*

21. L-appellanti qalu li huma ħassewhom aggravati b'dak li kellha xi tgħid l-Ewwel Qorti dwar il-fatt li huma ma invokawx id-dritt tagħhom li jressqu risposta għall-kummenti li għadda l-appellat. Qalu li d-dritt għar-risposta huwa prerogattiva assoluta ta' min jagħżel li jeżerċitah, u ħadd m'għandu jiġi kkastigat jekk jagħżel li ma jeżerċitax dan id-dritt. Qalu wkoll li l-fatt li huma għażlu li ma jeżerċitawx dan id-dritt, għandu jkollu konsegwenza biss fuq il-kwantifikazzjoni tad-danni, iżda mhux fuq id-deċiżjoni li ttieħdet dwar jekk huma kellhomx raġun iħossuhom immalafamati jew le.

22. L-artikolu 21(1) tal-Kap. 248 jipprovdi illi:

> "21 (1) Kull persna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew imfissra ħażin jew li tiġi esposta għal attakk fuq l-unur, id-dinjità jew ir-reputazzjoni tagħha jew għal indħil fil-ħajja privata tagħha permezz ta' jew f'gazzetta jew xandira, jkollha d-dritt li titlob u li tiġi pubblikata minnufih mignħajr ħlas fl-istess gazzetta jew fuq l-istess mezz ta' xandir, skont il-każ, dikjarazzjoni bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni."

23. Jirriżulta li l-appellanti għażlu li ma jagħmlux użu minn dan id-dritt ta' risposta spettanti lilhom. Dan ċertament li m'għandux jiġi interpretat bħala xi ammissjoni jew aċċettazzjoni ta' dak li l-appellat kellu xi jgħid dwarhom jew dwar l-operat tagħhom, għalkemm il-prassi fis-sistema tagħna hija li n-nuqqas ta' risposta min-naħa tal-parti inġurjata jkun rifless fil-*quantum* tad-danni li takkorda l-Qorti. In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju, u qegħda tordna li l-appellat iħallas l-ammont ta' sebgħa mitt euro (€700) lill-appellant Joseph Caruana Curran pro et noe bħala danni għall-kummenti inġurjużi li l-appellat għadda dwaru bil-pubblikazzjonijiet tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tilqa' kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni aggravju, filwaqt li tiddeċiedi li l-appellat għandu jħallas danni ammontanti għal sebgħa mitt Euro (€700) lill-appellat Joseph Caruana Curran pro et noe.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**